**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

**vs.**

**Manwel Billy Debattista**

Numru: 566/2020

Illum 2 ta' Ġunju 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Manwel Billy Debattista**, iben Joseph u Gina nee' Borg, imwieled nhar l-20 ta' Settembru 1984, residenti fil-fond 'Sunshine', Triq Anton Mallia, Rabat, Għawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 369694(M), akkużat talli nhar il-21 ta' Ottubru 2020 għall-ħabta ta' 15:30hrs waqt li kien f'mansab tal-Għasafar tal-Għana fl-inħawi ta' bejn Il-Fonda tal-Margun u Wied il-Mielaħ limiti tal-Għasri, Għawdex;

1. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Stieden lil Steven Francis Haston I.D. 579418(L) għall-ġlied bil-ġebel u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil Steven Francis Haston I.D. 579418(L) bil-ġebel u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 ta-Liġijiet ta' Malta;

4. Ħebb kontra l-persuna ta' Steven Francis Haston I.D. 579418(L) sabiex jinġurjaha, idejjaqha jew jagħmlilha ħsara u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 ta-Liġijiet ta' Malta;

5. Ikkaġuna ġrieħi fuq il-persuna ta' Steven Francis Haston I.D. 579418(L) hekk kif iċċertifika Dr. C. Dwango MD Reg No: tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f'każ ta' ħtija, taħseb għas-sigurta' ta' Steven Francis Haston I.D. 579418(L) u tapplika Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2021 il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Rat illi, waqt is-seduta tat-3 ta' Marzu 2021, il-Qorti kkonċediet żmien lill-partijiet sabiex jippreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub dwar dan il-każ fejn għandhom jittrattawh kemm min-naħa ta' difiża u kif ukoll min-naħa ta' parte civile;

Rat illi l-parte civile ppreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub fid-29 ta' April 2021;

Rat fid-29 ta' April 2021 id-difiża ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti.

Rat li l-kawżi kontra Manwel Billy Debattista u Steven Francis Haston huma żewġ kawżi separati inizzjati b'żewġ ċitazzjonijiet separati maħruga mill-Pulizija Eżekuttiva. Bi qbil bejn il-partijiet il-kawżi nstemgħu kontestwalment peress li l-provi fiż-żewġ kawżi huma kważi identiċi. Kien hemm ukoll qbil bejn il-partijiet li l-provi jinstemgħu kemm bil-lingwa Maltija kif ukoll b'dik Ingliża u ż-żewġ sentenzi ta' din il-Qorti jingħataw bil-lingwa Maltija.

## IL-FATTI[1]

Dak li wassal għall-proċeduri in kwistjoni kien inċident li seħħ nhar il-21 ta' Ottubru 2020 fejn waqt li Manwel Billy Debattista kien qiegħed jonsob ġol-għalqa tiegħu fil-limiti ta' Wied il-Mielaħ, l-Għasri, Għawdex, ċertu Steven Francis Haston daħal ġol-għalqa ta' Debattista u hemm seħħ l-inċident.

Haston jallega li huwa daħal ġol-għalqa u mar fil-mansab ta' Debattista minħabba li kien qed jiġri wara l-kelb tiegħu, li skont Haston kien ħarablu, allavolja kien biċ-ċinga. Haston jallega li Debattista beda jgħajjat u qabad ġebla, imbagħad rema l-ġebla u ħebb għal Haston bil-ponn, u skont Haston, x'ħin ġara hekk Haston żamm lil Debattista għal xi għaxar minuti mal-art.

Debattista ma qabilx li Haston daħal fl-għalqa u fil-mansab tiegħu minħabba l-kelb, u jgħid li Haston daħal ġol-għalqa u l-mansab ta' Debattista minħabba li skont Haston, Debattista kien qiegħed jonsob bil-*bird-caller* kontra l-liġi, u allura daħal biex jgħidlu li kien qed jikser il-liġi. Debattista pprova jfehmu li f'dak l-istaġun il-*bird-caller* kien permess bil-liġi u qallu kemm il-darba biex joħrog mill-għalqa minħabba li dik kienet proprjeta' privata, iżda Haston ma riedx jaf. Debattista jgħid li kien jidher li Haston ġie rrabjat għall-ġlied u x'ħin ra hekk huwa beża' u qabad ġebla biex ibeżżgħu u ramiha fl-art. Eventwalment wara li Haston imbotta lil Debattista bis-saħħa għal darba dabtejn u kien ser iwaqqgħu, Debattista ddefenda lilu nniffsu u spiċċaw ġew fl-idejn, b'Haston jispiċċa fuq Debattista fl-art iżommu għal ħin twil minn

[1] Skont l-imputat

għonqu u rasu sa x'ħin Debattista ħassu ħa jmut bla nifs. Dak il-ħin il-partner ta' Haston spiċċat ukoll fuq Debattista żżommlu saqajh.

Kien f'dan il-ħin li għadda individwu jismu Marcus Camilleri u qal lil Haston iqum minn fuq Debattista għaliex Debattista ma kienx qed jieħu nifs. Is-sur Camilleri ħa wkoll filmat li ġie preżentat in atti.

Sussegwentament, ġew il-pulizija fuq il-post u ħadu r-rapport. Kif jirriżulta mir-rapport tal-pulizija (folio 6 tal-proċess), l-għada tal-inċident, Debattista preżenta ċertifikat mediku fl-għassa tal-pulizija u insista li jittieħdu proċeduri kontra Haston. Haston ġie kkuntatjat mill-pulizija u infurmat b'dan iżda meta ġie mitlub għal ċertifikat mediku huwa qal li ma kienx għadu mar għal ebda attenzjoni medika. Kien imbagħad fil-25 ta' Ottubru 2020 li Haston ħa ċertifikat mediku fl-ghassa tal-pulizija.

**XHIEDA**

F'dan il-kaz xehdu seba' (7) xhieda:

*Emanuel Muscat (a* fol. *23 et seq.), Marcus Camilleri (a* fol. *31 et seq.), Alexandra Rebecca Heidi Hancock (a* fol. *39 et seq.), Jonathan Mizzi (a fol. 54), Marcus Camilleri (a fol. 75 et seq.), l-imputat Manwel Billy Debattista (a fol. 79 et seq.) u Steven Francis Haston (a fol. 95 et seq.).*

Stante li x-xhieda tinstab traskritta m'hemmx il-bżonn li din tkun riprodotta kollha f'din is-sentenza iżda se ssir referenza għall-punti li huma importanti biex ikun trattat u deċiż dan il-każ.

## KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

### **Preliminari**[2]

Din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jiġu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha u li jkunu magħmula mill-Prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-proċedura ma jistgħux jiġu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jiġu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiża ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tiġi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jinġiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu ġew miktuba u preżentati quddiemha mill-Pulizija Eżekuttiva jew skont kif ikunu ġew miżjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha

[2] Il-Qorti qegħda tibbaża dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Maġistrat illum Imħallef Aaron Bugeja fil-kawża il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deċiża fil-5 ta' Frar 2016

magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkużatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irriżulta matul il-kors tal-proċess penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn ċertu ġurisprudenza fir-rigward tal-proċedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' ġurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' preġudizzju għall-proċeduri penali u għad-drittijiet tad-difiża.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull każ huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Liġi u fil-Liġi. Din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeċiedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodiċi Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Ċivili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura ċivili li m'humiex previsti mill-Kodiċi Kriminali bħala li jistgħu jiġu emanati minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

F'kull każ pero', stante li din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinċiment morali u suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiża tagħżel li tressaq xi

provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-każ, huwa biżżejjed għad-difiża li tikkonvinċi lil Qorti bit-teżi tagħha fuq bażi ta' konvinċiment morali li jistrieħ fuq bilanċ ta' probabbilta' u f'każ li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossħiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma prinċipji kardinali li jsawru l-proċediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bażilari li jistrieħ fuqhom il-proċediment penali Malti. Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiġġudika dan il-każ skont l-akkuża li ġiet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawża intrapriża mill-Prosekuzzjoni u tiddeċiedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni preżentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**Il-verita' storika**[3]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita' storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwassluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita' storika mit-testimonjanza tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-

[3] Ara spjega dettaljata tal-Imħallef Aaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deċiż 6 ta' Frar 2020

Qorti ma għandhiex il-fakulta' u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Cioe' li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvija lill-Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita'.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-suffiċjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali mnissla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero' jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, cioe' l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk

dak ix-xhud ikun ġie emmnut, in kwantu f'din l-eventwalita', din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xhieda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarrku bħal xhieda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xhieda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarrġa minnhom u li fuqhom ikunu bbażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xhieda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xhieda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero' li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xhieda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl-artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero', jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-

xhieda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[4] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitressqu quddiemha.

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbiltajiet. Fil-każ Ingliż **Majid**,[5] Lord Moses stqarr hekk :

> *Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[6] jgħidu s-segwenti:

[4] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[5] ibid.
[6] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

*In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja ntlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637[7] tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imressqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-

[7] Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud: *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

livell ta' prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar 'il fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xhieda huwa mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xhieda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanti ħafna u għandu jinghata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the*

*judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*".

**Ikkunsidrat:**

Kif diga' ddikjarat aktar 'il fuq kuntrarjament għall-kamp ċivili fejn min iressaq pretensjoni jkun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wieħed pjuttost oneruż fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan għaliex kif jgħid il-**Manzini** fil-ktieb tiegħu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita' tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronunċjamenti preċedenti, sabiex imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjoni dedotta għandha tiġi pruvata *oltre* kull dubju raġjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti tagħmilha ċar li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex l-imputat jiġi ddikjarat liberat, hemm bżonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u

mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-fatt li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'għandux a priori jeskludi sejbien ta' ħtija għall-akkużi li jkunu ġew dedotti. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma

jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

L-istess linja ta' ħsieb ġiet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t'Ottubru 2006)."*[8]

[8] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deċiża fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deċiża fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deċiża fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deċiża fit-13 ta' Jannar 2016).

Magħmulin dawn l-espożizzjonijiet ġenerali li huma ta' rilevanza għal kull każ, iżda b'mod partikolari għall-każ odjern, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tevalwa r-reati li bihom qiegħed jiġi akkużat l-imputat, is-sottomissjonijiet ta' difiża li qajjem l-imputat u jekk tali akkużi irriżultawx ippruvati.

**Id-difiża ta' legittima difesa[9]**

Il-Qorti se tara jekk f'dan il-każ tapplikax id-difiża ta' legittima difesa kif ikkontemplata fl-Artikolu 224 tal-Kap 9. Illi kif huwa ben saput, il-ġustifikazzjoni għal-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna oħra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-aġir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-fatt l-Artikolu 223 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid: *'Ma hemmx reat meta omiċidju jew offiża fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-liġi jew mill-awtorita' leġittima, jew meħtieġa mill-bzonn attwali tad-difiża leġittima ta' wieħed innifsu jew ta' ħaddieħor.'*

Illi jiġi rilevat li d-dritt tal-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipproteġi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-użu ta' forza. Iżda l-liġi timponi ċerti kundizzjonijiet biex din l-eċċezzjoni tiġi milqugħa, cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun inġust, gravi u inevitabbli. Id-difiża trid tkun saret biex jiġu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruħhom jikkaġunaw ħsara irreparabbli

[9] Il-Qorti se tibbaża l-analiżi tagħha dwar dak deċiż mill-Imħallef Edwina Grima meta kienet qegħda tiddeċiedi l-Appell Kriminali Appell Nru: 175/2015 fil-każ fl-ismijiet il-**Pulizija vs David Farrugia** deċiż fis-26 ta' Mejju, 2016

lid-difensur jiġifieri ħsara jew offiżi fil-ħajja, ġisem u/jew partijiet tal-ġisem tad-difensur. Vuoldieri li dak li għamel l-imputat, għamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setgħax jevita l-periklu li setgħa rriżulta bl-aġir tal-agressur salv b'dak li għamel l-imputat. Għalhekk, kif jgħid il-Professur Mamo, il-periklu għandu jkun attwali, istantanju u assolut u b'hekk mhux perikolu premeditat. Il-Professur Mamo jgħid:

> *'The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.'*

Illi wieħed irid ipoġġi lilu nnifsu fil-pożizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif ukoll fiżikament, fil-mument meta l-istess imputat aġixxa għar-reazzjoni li kien infaċċjat biha, u cioe' l-ħsieb tiegħu li kien ser jiġi aggredit. Huwa importanti li l-periklu jkun attwali mhux imminenti kif jgħid u jispjega Antolisei:

> *"Occorre infine che l'aggressore abbia creato per il direttopreso di mira un pericolo attuale. Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluta porre in rileva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Periocolo attuale e il pericolo presente' (Manuale di Diritto Penale - Parte Generale - pg. 261).'*

Illi fis-sentenza Il-**Pulizija vs Toni Micallef** - Vol XXIX pv iv pg. 734, deċiża fis-16 ta' Ottubru, 1937, il-Qorti qalet sabiex jissussisti l-legittima difesa hemm bżonn li wieħed ikun aġixxa biex jirrespinġi xi ħsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tiegħu minn periklu imminenti ta' aggressjoni; liema aggrassjoni trid tkun inġusta, gravi u inevitabbli.

Din tkun ukoll il-linja meħuda fil-ġurisprudenza Taljana kif konfermata f'sentenza mogħtija mill-Corte di Cassazione di Roma tal-25 ta' Frar, 1978 (Analizi della Gurisprudenza Italiana (1878) Parte Penale – pg. 56) *"Che difatto, a costruire lo stato di legittima difesa nell' agente, e mesteri che questo si trova sotta l'attuale minaccia d'un male ingiusto, grave ed inevitabile."*

Illi f'dan ir-rigward, il-ligi Skoċċiza hija simili ħafna, fil-fatt kif ġie deċiż fl-**HM Advocate vs Kizileviczius** 1983 JC (A Casebook of Scottish Law) pg. 347 – li:

> *"To reach the firstly result, that is to say the result of complete acquittal, you must be satisfied of two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have satisfied two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and there must have been no other means of escaping form the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assaults were necessary."*

Għalhekk sabiex jissussisti d-difiża ta' legittima difesa jrid ikun hemm dawn it-tlett elementi li l-aggressjoni tkun inġusta, gravi u inevitabbli. Rigward l-ewwel element u cioe' li l-aggressjoni trid tkun inġusta, m'huwiex neċessarju li jkun hemm vjolenza għaliex il-Kodiċi jitratta biss fuq 'offiża'. Skont Antolisei *'l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto'.*

Rigward il-gravita' o meno tal-azzjoni, Manzini fil-ktieb tiegħu Trattato di Diritto Penale (parte generale pg. 358) jgħid: *'La gustificante dell articolo 52* (li jikkorrispondi mal-artikoli 223 fil-każ tagħna) *non e affatto condizionale alla irreparabilita' del danno richiede soltanto che condizionale alla irreparabilita' del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e' d'ingiusta attesa'.*

Illi l-Professur Mamo jgħid:

> *'The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upon the person 'irreparable' evil and the law consideres as 'irreparable' and consequently gave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastitiy of an indicidual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent.'*

Illi dwar il-kwistjoni tal-inevitabbilta' fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ħmistax ta' Frar, 1958 fl-ismijiet il-**Pulizija vs Emily Zarb**, il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huma meħtieġa biex tiġi akkrodata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm il-fattur tal-inevitabbilta', u mingħajr il-konkors ta' dan il-fattur ma jistax jingħata din l-iskriminanti. Infatti f'analiżi della Gurisprudenza Italiana (pt. 4, pg. 32 – Roma – 25/01/1898) ġie deċiż li: *'Per averci la legittima difesa non basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non posa evitarsi in altro mod che col ferire ed uccidere l'aggressore.'*

Illi sabiex il-periklu jfisser 'situazione inevitabile', il-periklu jrid ikun 'sudden' u cioe' li l-imputat ma kienx jaf bil-periklu għaliex f'każ li l-

periklu kien antiċipat b'ċertezza, ma kienx ikun hemm legittima difesa iżda provokazzjoni. Irid ikun attwali u cioe' li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma necessitas est lex. Fil-fatt ġie deċiż fis-sentenza il-**Pulizija vs Joseph Micallef** (Vol. XXXIX pg.1072) li:

> *'Id-dispozizzjoni tal-ligi li tiskuza lill min jikkaguna offiza lill-persuna ohra in difesa tal-propjeta' tal-feritur tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta' u in difesa attwali taghha';*

**<u>Id-difiża tal-provokazzjoni</u>**

Din il-Qorti se tara wkoll jekk japplikax l-iskriminanti tal-provokazzjoni a tenur tal-artikolu 227(c) tal-Kapitolu 9. Fost ir-rekwiżiti sabiex tapplika dina l-iskużanti hemm illi l-provokazzjoni trid tkun tali "*illi f'nies ta' temperament ordinarju komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*"

Skont il-Professur Mamo il-provokazzjoni tkun suffiċjenti jekk tkun tali li bniedem ta' temperament ordinarju jitlef il-kontroll tiegħu. Il-kriterju għalhekk huwa wieħed oġġettiv; il-bniedem ta' temperament ordinarju. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Paul Abela</u>** [10]ġie deċiż:

> "Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta' l-azzjoni li taghha tingieb

[10] Deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-10 ta' Settembru 2004

bħala skuża. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni inġusta il-ġurista **Francesco Antolisei** in konnessjoni mal-attenwanti ġenerali tal-provokazzjoni jghid hekk:

> *"la situazione psicologica di cui trattasi 3 deve essere determinata da un fatto ingiusto altrui. Non occorre che tale fatto costituisca reato e neppure che sia giuridicamente illecito; basta che sia ingiusto dal punto di vista morale. Percio' l'attenuante dovra' ammettersi anche di fronte ad un comportamento legittimo che assuma carattere provocatorio per le modalita' esose o anche semplicemente sconvenienti con cui si effetua, o per ragioni che lo hanno determinato (rancore, odio, vendetta, iattanza, dispetto ecc.) Quanto alla reazione non si richiede che sia proporzionata al fatto ingiusto"*[11]

Illi għalhekk hemm żewġ elementi li jsawru dana l-iskużanti u cioe' fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun waħda inġusta u trid tkun oġġettivament riskontrabbli u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt tal-azzjoni li tagħha tinġieb bħala skuża.

**<u>L-ewwel imputazzjoni</u>**
**<u>Bon Ordni</u>**

Kif ġie spjegat fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Busuttil** deċiż fit-23 ta' Ġunju 1994[12]:

---

[11] Antolisei F. Manuale di Diritto Penale – Parte Generale Giuffre Milano 1989 pg. 394 -397
[12] Vol. LXXVIII.v.277.

**"Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-*common law* Ingliza kien jissejjah *'a breach of the peace'*. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kuncett Ingliz ta' *'a breach of the peace'* tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet <u>Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et.</u>, kien qal hekk:**

***'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato'*(Kollez. Vol. XII, p. 472, 475).**

**A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza migbura fl-artikolu intitolat *'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order'* pubbblikat fil-Vol. X ta' *The Law Journal - Id-Dritt (University of Malta, Autumn 1983)* pagna 13 *et seq.*, u specjalment pagni 28 sa 31. B'zieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wiehed jista' jghid li r-reat ta' *'breach of the peace'* fil-ligi Skocciza jirrikjedi ukoll certu element, imqar f'ammont zghir hafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb**

**taghhom** ***'Scots Criminal Law', Edinburgh, Butterworths, 1992)*****:**

***'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed' (p. 192).***

**Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz, Gerald H. Gordon, fit-*test* awtorevoli tieghu** ***'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978)*****:**

***'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p. 985, para. 41-01).***

**U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid:**

***'…. Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance' (p. 986, para. 41-01).***

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Spiteri** deċiż fl-24 ta' Mejju 1996, din il-Qorti diversament preseduta żiedet tgħid hekk:

**"Il-Qorti hawnhekk tixtieq tippreciza a skans ta' ekwivoci li l-kuncett ta'** ***'breach of the peace'*** **kif abbraccjat fl-Iskozja huwa aktar wiesa' minn kif gie interpretat mill-qrati Inglizi. Fi kliem Jones u Christie fil-ktieb taghhom** ***'Criminal Law' (Edinburgh, Sweet & Maxwell, 1992),*** **b'referenza ghal-ligi Skocciza in materja:**

***'While the major part of the criminal law of Scotland could indeed be expressed in some facile, breach-of-the-peace-type phrase, such as 'doing things (or refraining from doing things) which cause, or could reasonably cause alarm or disturbance', this would lead inevitably to complete uncertainty as to what exactly the law did prohibit. At present there is considerable uncertainty as to what breach of the peace itself properly covers; and it would thus be most unwelcome to extend that uncertainty by enlarging the***

*scope of breach of the peace at the expense of other, fairly well defined offences. But this is, of course, something of a vicious circle. It is precisely because breach of the peace has become so ill-defined that it has proved possible for it to stray into fields occupied by other offences. The only way to halt this process is for breach of the peace to be defined in a clearer and more limited fashion than is currently the case. Regrettably, however, there is little indication that this is likely to be so' (p. 295).*

**Il-kuncett Ingliz ta'** *'breach of the peace'* **li, kif inghad, il-Qrati taghna jidher li fil-massima segwew, gie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tieghu** *'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987)* **hekk:**

*'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell …. Watkins L.J. said: '…. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too*

*frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).*

**Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil. Naturalment dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li <u>oggettivament</u> inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib."[13]**

Il-Qorti ma tħossx li f'dan il-każ kif żviluppa tista' ssib ħtija dwar din l-imputazzjoni.

**<u>It-tieni u tielet imputazzjoni</u>**
**<u>Ġlied bil-ġebel u theddid bil-ġebel</u>**

Il-Qorti hi konvinta li l-kelb ma kellu x'jaqsam xejn mal-inċident u ġie wżat biss minn Haston u l-mara tiegħu bħala skuża wara l-inċident. Din

[13] Ara wkoll Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Alfred Pisani**, 5 ta' Mejju 1995; **Il-Pulizija v. Pio Galea**, 17 ta' Ottubru 1997; **Il-Pulizija v. Andrea Galea et**, 30 ta' Ġunju 1998

tal-kelb qegħda tintuża wisq bħala difiża meta jinqalgħu inċidenti bħal dawn fejn persuni jidhlu fi proprjeta' mhux tagħhom. F'każijiet bħal dawn dejjem jingħad li kien "*walking the dog*" meta suppost il-kelb ikun taħt il-kontroll ta' sidu kif jipprovdi l-Att dwar il-Klieb, dejjem marbut b'ċinga u mhux jitħalla jiġri fit-toroq jew f'postijiet oħra. Il-Qorti tfakkar li l-pubbliku m'għandux jieħu l-liġi f'idejh għax jaħseb li hemm xi ksur ta' liġi iżda għandu l-mezzi kif jirraporta l-illegalita' u jittieħdu passi. F'dan il-każ fejn il-Qorti żammet quddiem għajnejha dak li jipprovdu artikolu 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali b'mod speċjali l-komportament tax-xhieda meta kienu fuq il-pedana tax-xhieda, il-provi juru li kien Haston li mar ġol-mansab ta' Debattista biex jikkustinja miegħu fuq il-*bird-callers* u x'ħin ġie rinfaċċat bit-tweġiba ta' Debattista li l-*bird-caller* kien legali dakinhar, Haston ma aċċettax tali tweġiba u baqa' jinsisti u aggredixxa lil Debattista. Haston ma riedx jitlaq minn fuq il-post avolja Debattista qallu iktar minn darba biex jitlaq mill-għalqa tiegħu.

Fix-xhieda tiegħu Debattista[14] jgħid:

> *"Heqq, kont qieghed hemmhekk bi kwieti, ghall-affari tieghu, nonsob bhalma s-soltu naghmel, hekk, u nisma "Ojj!Ojj! You are using this! The bird caller!" ghidltu "I am allowed to use this" Qalli "No you are not!" u hekk b'rabja kbira, b'ghajnejh miftuhin berah. U ghidtlu "Because this year we are catching and release". Qalli "No one catch and release in Malta and Gozo!" hekk ta! Il-verità. Insomma ghedtlu "Here private", ghidtlu "go out!" Qalli "I am not going to go out. Here is not private!" u kocc minn dan."*
>
> ….

[14] a folio 80 u 81

*"Qed nghidlu private, ghidtlu s-sena nistghu nuzaw bird caller, ghidtlu "we are catching and release" u dan xorta baqa' hemmhekk, u baqa' jinsisti, b'ghajnejh miftuhin berah, hekk, kien jidher irrabjat, kien jidher."*

*….*

*"Kien jidher li gie rrabjat, ghall-glied. Sewwa?............... Hekk irrabjat hekk, b'idejh maghqudin bil-ponn. Verità qed nghid, il-verità……. u dan baqa' jinsisti qalli, "I am not going to go out!" u jdur hemm gol-ghalqa u jien bzajt…."*

*"Iva, qbadt gebla ghax bzajt u ersaqt fejnu u dan imbuttani, ghal darba darbtjen, imbuttani hekk bis-salt, u jien ma ridx inwegghu; jien taf x'ridtu jaghmel? Jitlaq il-barra minn go hwejgi. Sewwa? Il-gebla qbadt u armejtha fl-art, sewwa? U bdejna naghtu. Imma hu imbuttani bis-sahha li ha jwaqqaghni ghal darba, darbtejn. U bdejna naghtu, minn fejn id-dura, forsi minn hawn u l-Magistrat boghod, spiccajna kwazi fejn it-triq. Spiccajt fl-art, qabadni minn ghonqi, qabadni hekk, dawwarli idi hekk, ara ghajjat lil mara tieghu, giet izzommni minn saqajja, u jien dak il-hin kont qed inhossni ha nifga nett, ma kienx baqali aktar minn tlett minuti zgur!"*

*…..*

*X'hin gew il-pulizija, dik li ma rajtx helwa, ghax gidbu, gejjin jghidu li minhabba l-kelb. U minhabba l-kelb ma kinitx l-affari, minhabba l-bird caller."*

Il-Qorti taqbel mal-linja difensiva li ġab l-imputat li:

*"Kull ma ghamel Debattista kien li imbezza kif kien, wahdu gol-ghalqa, b'ragel barrani quddiemu, li ma jafux u li qabad u dahal b'mod vjolenti fil-propjetà tieghu u beda jikkustinja mieghu, u li ma telaqx minn fuq il-post nonostante li gie mitlub kemm-il darba biex jitlaq, huwa qabad gebla biex ibezzgha lil dan Haston li dak il-hin Debattista rah bhala u effettivament kien minacca ghas-sigurtà u l-inkoluminità tieghu.*

*Infatti Debattista jaghmilha cara li "qbadt gebla ghax bzajt" u li eventwalment "il-gebla qbadt u armejtha fl-art".*

*Wiehed ma jridx jinsa' wkoll f'dan l-istajdu li skond kif hareg mill-kontro-ezami ta' Haston, Haston huwa persuna fizikament trenjata, u li ghandu anke esperjenza fil-boxing apparti f'setturi sportivi ohra. Kwindi huwa ragjonevoli li jekk Debattista ra lil Haston f'din il-posizzjoni bil-ponn u skond hu lest ghal glied, dan beza' u rreagixxa wara li gie imbuttat darbtejn biex jaqa' fl-art.*

*Dwar il-gebla, ghal kompletezza, huwa minnu li Haston jghid bil-kontra u jghid li Debattista allegatament "picked up a stone, large stone, which was this size. Then he threw it at me but luckily landed on the floor"*[15] *mandakollu din il-verzjoni ma tista' qatt twassal ghall-htija fil-konfront ta' Debattista.*

*Dan qed jinghad fl-ewwel lok ghaliex huwa inverosimili kif jekk verament individwu kellu gebla f'idejh u ried jitfaghha fid-direzzjoni tal-persuna li kienet ezattament quddiemu (ghaliex kienu qed jargumentaw bejniethom), dan l-allegat aggressur jimmisja lil persuna*

[15] Folio 96 tal-proċess.

*li ghandu quddiemu meta jitfa' l-gebla fid-direzzjoni tieghu. Huwa minflok iktar verosimili li fic-cirkostanzi, Haston ma ntlaqat bl-ebda gebla propju ghaliex Debattista qatt ma tefa l-gebla fid-direzzjoni ta' Haston u minflok ramiha lejn l-art.*

*In oltre, din l-allegazzjoni ta' Haston li "he threw it at me" hija imgiddba mill-partner tieghu stess, li filwaqt li ghal bidu tallega li "He was throwing it on the floor towards Mr Haston"[16], u rinfaccata bid-domanda li l-gebla qatt ma nfetghet "in the direction of Mr. Haston" hija pruvat tallega li "<u>It happened</u> to be the direction of Mr Haston yes."[17], eventwalment però l-versjoni taghha tkompli tinbidel sa xhin fl-ahhar tispicca tgiddeb lir-ragel taghha stess li allega li l-gebla allegatament intefghet fid-direzzjoni tieghu, u minflok tikkoncedi li:*

*"If I remember it right, he was throwing it on the floor in front of him"[18]*

Il-provi tal-prosekuzzjoni in konnessjoni mat-tieni u t-tielet imputazzjoni ma jistgħux iwasslu għall-ħtija għaliex il-Qorti hi konvinta li l-imputat qabad il-ġebla mhux biex jikkommetti xi kontravenzjoni, iżda biss biex jiddefendi lilu nnifsu għaliex kien imbeżżgħa u ried li Haston jitlaq minn ġol-proprjeta' tiegħu u jieqaf mill-attitudni ta' arroganza li kellu.

**<u>Ir-raba' imputazzjoni</u>**
**<u>Art 339(1)(d) tal-Kap 9</u>**

L-artikolu 339(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi li huwa ħati ta' kontravenzjoni kull min **"iħebb kontra persuna sabiex jinġurja, idejjaq**

[16] Folio 46 tal-proċess.
[17] Folio 46 tal-proċess.
[18] Foli 47 tal-proċess.

**jew jagħmel ħsara lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi".** Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Pace** deċiż fid-9 ta' Mejju 1997 intqal:

> **"Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Biex persuna thebb kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': '...** ***attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others ...*'. **Jekk ikun hemm kuntatt fiziku** ***multo magis*** **wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi"**

F'dan il-każ irriżulta li l-imputat kien qiegħed jiddefendi lilu nnifsu u l-proprjeta' li kienet fil-pussess tiegħu meta l-parte civile daħal f'tali proprjeta' u għalhekk il-Qorti mhix se ssib ħtija wara li rat dak spjegat aktar 'il fuq dwar il-legittima difesa.

**<u>Il-Ħames imputazzjoni</u>**
**<u>Ġriehi ħfief</u>**

Il-Qorti se tqis l-imputazzjoni dedotta kontra l-imputat dwar allegati ġrieħi ħfief fuq il-persuna ta' Steven Francis Haston. Fl-atti hemm ċertifikat mediku esebit li jitkellem dwar ġrieħi allegati fuq Steven Haston datat 23 ta' Ottubru 2020[19], madankollu tali ċertifikat mediku ma ġiex konfermat bil-ġurament mit-tabib li ħareg tali ċertifikat.

In linea mal-artikolu 646(7) tal-Kodiċi Kriminali l-Prosekuzzjoni naqset illi ġġib il-prova tal-ġrieħi u dan awtomatikament iwassal biex l-imputat jiġi liberat mill-ħames imputazzjoni kontra tiegħu li titratta l-ġrieħi ħfief fuq Haston.

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u tilliberah minnhom.

Il-Qorti tagħmilha ċara mal-Prosekuzzjoni biex ma ċċedi għall-ebda pressjoni li tista' ssirilha la mill-Ambjentalisti u lanqas mill-Kaċċaturi f'ħidmiethom, liema ħidma għandha dejjem tkun biex tkun imħarsa s-soċjeta' Maltija u fejn ikun hemm l-abbuż jittieħdu passi.

---

[19] Folio 5 tal-proċess fl-ismijiet Il-Pulizija vs Manwel Billy Debattista

Passi għandhom jittieħdu mhux għax ikun hemm xi pressjoni minn xi id moħbija iżda għaliex hekk hu ġust f'pajjiż li jitmexxa skont is-saltna tad-dritt u mhux bil-preġudizzju.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Maġistrat**

**Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**